**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 109/2021 RM**

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali bin-Numru 712/2021 fl-ismijiet:-**

**Automated Revenue Management Services Ltd. (C46054)**

**-Vs-**

**Sean Xuereb (K.I. 248787M)**

**Illum, 4 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Sean Xuereb fir-Reġistru tal-Qorti fit-23 ta' April 2021 fejn ippremetta u talab:-

1. *"Illi preliminarjament s-soċjeta' Automated Revenue Managment Services Ltd. ( C46054) ma setgħetx tirrikorri għar-rimedju li joffri l-artiklu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li m'hijix "dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpanija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat" kif jiddetta l-imsemmi artiklu stess u għalhekk l-ittra uffiċjali hija irrita u nulla;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ittra uffiċjali sopraċitata hija ir-ritwali, nulla u nieqsa mill-elementi mitluba skond il-liġi fl-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-esponenti fit-18 ta' Settembru tal-2017 l-esponenti avża lis-soċjeta' sopraċitata li huwa qiegħed jikkontesta l-pretensjoni tagħha, liema avviż baqa' mhux imwieġeb;*

*Illi legalment, il-proviso tal-Artikolu 466(1) huwa ċarissimu u jispjega li:*

*"Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati* ***iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter."***

*Illi għalhekk, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, s-soċjeta' sopraċitata ma setgħetx tirrikorri għal-proċedimenti għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern, sewwa sew, l-fakolta' li jagħti l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għal-ewwel eċċezzjoni preliminari, stente li s-soċjeta' Automated Revenue Managment Services Limited qatt m'għamlet kuntatt mal-esponenti wara li huwa avzaha bil-kontestazzjoni tiegħu, huwa jinsab serjament ippreġudikat fil-posizzjoni li jinsab preżentament fiha stante li m'għandu l-ebda informazzjoni li abbażi tagħha s-soċjeta' qiegħda tibbaża l-pretensjoni tagħha, u dan bi ksur tal-prinċipji naturali tal-ġustizzja senjamnet il-prinċipju audi et alteram partem u d-drittijiet fondamentali tal-esponent;*

*Illi f'dan ir-rigward, fid-deċiżjonijiet tagħha, l-Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet A.B. LTD v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, deċiża fit-30 ta' Marzu 2011 u Edwards Lowell Co. LTD. Vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, deċiża fil-25 ta' Frar 2015, rispettivament, kienet ampjament ċara meta ddettat li:*

*"In effetti fil-ġurisprudenza nostrali ġia' jinstab stabbilit il-prinċipju li l-obbligu ta' l-awtorita' pubblika li meta tiġi hekk mitluba tesebixxi dokumenti w informazzjoni kollha pertinenti għal-każ ta' l-appellant, effettivament tpoġġi a disposizzjoni ta' l-appellant u tal-ġudikant tali dokumenti w informazzjoni huwa neċessarju mhux biss f'ġieħ it-trasparenza ta' amministrazzjoni korretta imma wkoll biex jiġi rispettat il-prinċipju ta l-'equality of arms' fejn il-kontro-parti kellha titqiegħed f'pożizzjoni illi tissodisfa l-oneru tal-prova fuqha illi l-ammont reklamat ma kienx dovut minnha billi tingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun sewwa a konoxxenza mhux biss tal-ammont reklamat mid-Dipartiment imma wkoll tar-raġunijiet li wasluh biex jiddeterminah."*

*Illi abbażi ta' din ir-raġuni, is-soċjeta' sopraċitata ma setgħet qatt tirrikorri għar-rimedju legali- li għażlet taddotta stante n-natura tal-istess azzjoni li tirrikjedi lill-interpellat sabiex jinizzja l-proċeduri legali sabiex jikkontesta t-talba vvantata, u mhux bil-kontra, u ċioe jikkanonizza t-talba tiegħu;*

*Illi b'dan spjegat, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, tal-inqas, l-istess soċjetà trid tipprovdi l-informazzjoni kollha lill-esponent qabel din il-proċedura tkun tista' tipproċedi, bir-riserva tad-dritt tal-esponent li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri kemm preliminari u kemm fil-mertu ġialadarba huwa jkun ingħata din l-informazzjoni u l-prinċipji naturali tal-ġustizzja u d-drittijiet tal-esponent ikunu ġew osservati;*

***<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>***

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari suċċepiti, u għal kull buon fini, l-esponenti jiddikjara li t-talba tas-soċjeta' Automated Revenue Managment Services Limited hija waħda infondata fil-fatt u fid-dritt,*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara t-talba tas-soċjeta' Automated Revenue Managment Services Limited (C46054) bħala waħda infondata fid-dritt, jew fin-nuqqas, fil-mertu.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta'."*

Rat ir-Risposta ta' Automated Revenue Management Services Ltd li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Ġunju 2021 fejn ġie eċċepit:-

1. *"Illi, in linea preliminari, ir-rikors promotur sabiex jikkontesta l-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta mill-Automated Revenue Managment Services Limited f'isimha propju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, bir-referenza 712/2021, sar* ***biss*** *fil-konfront tas-Soċjeta' Automated Revenue Managment Services Limited iżda mhux fil-konfront ta-Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Għalhekk, dawn tal-aħħar illum għandhom titolu eżekuttiv favur tagħhom.*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-Soċjeta' Automated Revenue Managment Services LTD pro et noe, hija kreditriċi tar-rikorrent fl-ammont kumplessiv ta' tnax-il elf, ħames mija u erbgħa u għoxrin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€12,524.42) rappreżentanti konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor, flimkien ma imgħax dovut skond il-*

*liġi, relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-ittra uffiċjali bin-numru 712/2021, u għalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrent lis-Soċjeta' Automated Revenue Managment Services LTD pro et noe, kif ser jiġi ppruvat waqt it-teattazzjoni tal-kawża.*

3. *Illi, nonostante dak eċċepit mir-rikkorent, is-Soċjeta' esponenti hija awtorizzata sabiex tiġbor kull ammont dovut lill-Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u għalhekk kuntrarjament għal dak indikat mir-rikorrent, l-esponenti tista' tirrikorri għal proċedura kkontemplata fl-Artikolu 466 tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi, l-eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu mressqin mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

5. *Illi, għalhekk, l-ammont reklamat fl-ittra uffiċjali bin-numru 712/2021 huwa dovut mir-rikorrent;*

*Għaldaqstant, b'riserva għal kull prova oħra kif ikun meħtieġ li tinġieb bil-permess ta' din il-Qorti, s-Soċjeta' esponenti pro et noe titlob li din l-istess Qorti sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrent bħala mingħajr bażi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra uffiċjali bin-numru 712/2021 ppreżentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija reza eżekuttiva kontra r-rikorrent."*

Rat in-nota ippreżentata mir-rikorrent fid-9 ta' Ġunju 2021 b'kopja legali tal-atti tal-ittra uffiċjali bin-numru 791/2021, skont kif ordnat fid-digriet tal-10 ta' Mejju 2021;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u dokumenti kollha prodotti fl-atti;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi r-rikors ġie mħolli għal-lum sabiex jiġi deċiż finalment;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent Sean Xuereb ippreżenta r-Rikors promotur taħt il-proċediment maħsub fis-subartikolu (2) u (3) tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-proċedura ġiet introdotta, u hija intiża, sabiex tiffaċilita l-proċess ta' ġbir ta' krediti dovuti lid-dipartimenti tal-Gvern u lill-entitajiet magħquda li jkunu mwaqqfa bil-liġi bil-għan evidenti illi jitnaqqsu l-ispejjeż u d-dewmien marbutin ma' proċeduri ġudizzjarji ordinarji. Din il-proċedura tesiġi li d-debitur jiġi notifikat, permezz ta' att ġudizzjarju, b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-kap tad-dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, liema att ġudizzjarju, jekk ma jiġix kontestat skont kif tipprovdi l-liġi, ikollu l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti.

Mill-fatti li jirriżultaw mill-atti u mill-provi, jirriżulta illi l-meter tal-ilma fil-fond 13, Triq il-Kbira, Ħ'Attard kien ġie orġinarjament istallat qabel l-2009 iżda f'Settembru 2013, meta r-rikorrent kera l-fond u beda joperah bħala restaurant, ġie istallat arloġġ ġdid f'isem ir-rikorrent Sean Xuereb, bin-numru M90039 liema arloġġ ġie reġistrat fuq il-kont bin-numru 411000061133 taħt l-iskema tal-konsumatur "*non-residential*"[1]. Minn Settembru 2013 'il quddiem il-konsum tal-ilma beda jiġi kalkolat bl-istimi sakemm fit-12 ta' Settembru 2017, meta r-rikorrent ittermina l-kirja tal-fond u

[1] Dan l-arloġġ reġa' inbidel fi Frar 2019 (numru 15067630).

rritornah lis-sid, kien sar qari attwali tal-meter fejn il-konsum ġie reġistrat bħala 5,147 units. Dan sarraf f'kont li nħareġ fl-14 ta' Settembru 2017 fl-ammont ta' €9,657.43 għall-konsum tal-ilma biss[2]. In segwitu, il-konsum tal-ilma reġa' beda jiġi kalkolat bl-istima sa Ottubru 2018[3] sakemm fil-11 ta' Diċembru 2019 reġa' sar qari attwali tal-meter tal-ilma fejn il-konsum kien ta' 115 units. Dakinhar, il-kont intestat lir-rikorrent Sean Xuereb ingħalaq u l-meter ġie trasferit f'isem Mario Vella[4]. Dan tal-aħħar, biex seta' jiftaħ kont ġdid u jirripristina s-servizz, kien ġie kostrett iħallas pagament akkont tal-ammont pendenti fuq il-kont li kien sejjer jingħalaq. L-ammont dovut għall-konsum tad-dawl u ilma fil-fond sal-11 ta' Diċembru 2019 fuq il-kont bin-numru 411000061133 intestat lir-rikorrent huwa ta' €12,524.42[5]

Jirriżulta wkoll illi permezz ta' ittra datata 18 ta' Settembru 2017 konsenjata personalment mir-rikorrent lis-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited, l-istess rikorrent talab reviżjoni tal-kont finali tal-ilma minħabba li l-konsum straordinarju tal-ilma li kien ġie reġistrat. Ir-rikorrent spjega li huwa kien ħa ħsieb li jsiru t-tiswijiet li kien hemm bżonn meta ġie identifikat *leak* żgħir ta' ilma fil-fond u għalhekk il-konsum esaġerat seta' kien dovut biss lil perkolazzjoni ta' ilma li ma kienx viżibbli u li baqa' qatt ma ġie identifikat.

Is-soċjeta' intimata baqgħet qatt ma wieġbet għal din l-ittra u minflok, f'Awwissu 2018 bagħtet ittra legali lir-rikorrent b'interpellazzjoni għall-ħlas tas-somma ta' €11,456.00 dovut għall-konsum ta' ilma u dawl u *service charge* fil-fond 13, Triq il-Kbira, Ħ'Attard. Intbagħet ittra legali oħra lir-rikorrent fi Frar 2021 għall-ħlas tal-ammont ta' €13,837.90.

Ikkunsidrat;

---

[2] Ara kont, parti minn Dok. RB5, f'paġna 76 tal-atti tal-kawża, datat 14 ta' Settembru 2017 u bin-numru 24613381.
[3] Dok. X, paġna 31 tal-atti tal-kawża.
[4] Ara formola tar-Reġistrazzjoni ta' Bidla tal-Konsumatur, Dok. RB4.
[5] Ara kont Dok. RB5, paġna 45 tal-atti tal-kawża.

Ir-rikorrent fl-ewwel preġudizzjali minnu sollevat fir-Rikors promotur, jikkontendi li s-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited li ppreżentat l-att ġudizzjarju li bih huwa ġie notifikat bid-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rappreżentant tagħha li l-ammont ta' €12,524.42 huwa dovut minnu, m'hijiex '*dipartiment tal-Gvern jew persuna oħra li hija awtorizzata tiġbor ammonti dovuti lil dipartimenti tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi*', kif imsemmi fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 u konsegwentement ma setgħetx tipprevalixxi ruħha minn dan il-proċediment speċjali.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-ammont li ġie dikjarat permezz tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Reuben Bonnici tad-29 ta' Marzu 2021, bħala dovut mir-rikorrent, huwa evidentement ammont li huwa dovut lil żewġ korpi magħquda stabbiliti mil-liġi ċioe' lil Enemalta plc, in kwantu għall-ammont rappreżentanti konsum ta' dawl, u lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, in kwantu għall-ammont rappreżentanti konsum ta' ilma u kera tal-meters relattivi.

Fil-fatt, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ġiet imwaqqfa bħala korporazzjoni u bħala korp b'personalita' ġuridika distinta bis-saħħa tal-Artikoli 3 u 4 tal-Kap. 355 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma). Imbagħad, permezz tas-subartikolu 5 tal-imsemmi Artikolu 3, din il-Korporazzjoni ingħatat is-setgħa, bl-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Ministru, li tagħti lil terza persuna li tagħżel hi, id-dritt li tagħmel, jew twettaq, jew taqdi, kemm fl-intier jew in part kull funzjoni, attività, operazzjoni, dmir jew transazzjoni li l-Korporazzjoni hija awtorizzata u ingħatat is-setgħa, jew li ġiet obbligata li teżerċita, jew twettaq, jew taqdi taħt jew skont l-Att.

L-istess il-Korporazzjoni Enemalta, li bis-saħħa tal-Att dwar l-Enemalta (Kap. 272), ġiet imwaqqfa bħala enti morali għall-eżerċizzju u l-qadi ta' funzjonijiet dwar *inter*

*alia*, it-tqassim u bejgħ ta' għejjun ta' enerġija u l-produzzjoni, ġenerazzjoni, tqassim u bejgħ ta'enerġija[6].

Dan stabbilit, jingħad illi skont kif jirriżulta minn dokumenti pubbliċi, is-soċjeta' intimata Automated Revenue Management Services Limited (ARMS Limited) hija kumpannija privata imwaqqfa konġuntivament minn Enemalta plc u tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li huma l-uniċi żewġ azzjonisti b'50% tal-ishma tal-kumpannija kull wieħed. Din il-kumpannija ġiet imwaqqfa fid-19 ta' Jannar 2009 u ġiet inkarigata **bil-kalkolu u ħruġ tal-kontijiet għall-konsum tad-dawl u ilma u bil-ġbir tal-ammonti dovuti għal dan il-konsum għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, rispettivament**, u tipprovdi wkoll għan-nom tagħhom servizzi ta' sapport għall-konsumatur fost attivitajiet oħrajn. Fost l-oġġetti prinċipali li għalihom il-kumpannija ġiet imwaqqfa, kif elenkati fl-Istatut tagħha, insibu:-

*a. To develop, set up, install, operate, administer and manage an integrated utilities business system with automated metering infrastructure for the purposes of billing services and management of information on utilities customers.*
*b. To undertake all action for the purposes of service registration, customer information and care, invoicing, billing, revenue management of and collection from utilities customers.*
*c. **To conduct, manage and institute any legal and judicial action in relation to the billing of utilities and recover all and any amounts due for the provision of such utilities or any service ancillary thereto**..."* (emfasi tal-Qorti)

Għall-Qorti dan ma jħalli ebda dubju illi effettivament is-soċjeta' ARMS Limited hija "*persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor hekk awtorizzat bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut ... lil korp magħqud stabbilit bil-liġi.*"

---

[6] Dawn is-setgħat u obbligi ġew trasferiti lis-soċjeta' Enemalta plc li ġiet amalgamata magħha, permezz tal-Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta.

Għaldaqstant l-ewwel preġudizzjali sollevat mir-rikorrent fir-Rikors tiegħu huwa manifestament infondat.

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent jikkontendi wkoll illi l-att ġudizzjarju li permezz tiegħu ġie notifikat lilu d-dikjarazzjoni ġuramentata msemmija fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12, huwa irritwali u null għaliex huwa kien avża lis-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited illi qiegħed jikkontesta l-pretensjoni għall-ħlas u għaldaqstant, għandu jirriżulta illi ma ġewx sodisfatti r-rekwiżiti tal-liġi għat-tħaddim tal-proċediment maħsub fl-Artikolu 466.

Il-proviso tal-Artikolu 466(1) tal-Kap. 12 jipprovdi:-

"*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent* ***sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata*** *li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*" (emfasi tal-Qorti)

Il-Qorti rat l-atti u tosserva illi huwa minnu illi r-rikorrent kiteb ittra lis-soċjeta' intimata, datata 18 ta' Settembru 2017, fejn ikkontesta l-kont tal-ilma għaliex l-ammont pretiż huwa esaġerat u talab reviżjoni tal-istess kont (Dok A[7]). Ir-rikorrent u missieru Oliver Xuereb xehdu illi huma kienu marru personalment fl-uffiċini ta' ARMS Limited ġewwa Gattard house, National Road, Blata l-Bajda sabiex jikkonsenjaw din l-ittra, liema ittra jirriżulta li effettivament waslet għand ARMS

[7] Anness mal-Affidavit tar-rikorrent, Dok. SX1.

Limited għaliex instabet fil-file relattiv u ġiet esebita fuq talba tal-istess rikorrent fl-atti proċesswali (Dok. RB1).

Madankollu, ma jirriżultax illi s-soċjeta' intimata ġiet mgħarrfa b'din il-kontestazzjoni tal-ammont pretiż għall-konsum tal-ilma permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata kif rikjest mis-subartikolu (1) tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12.

Kif ġie diġa' ngħad qabel, il-proċediment kontemplat fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 huwa mezz proċedurali speċjali u sommarju sabiex jinġabar lura b'aktar ħeffa dejn dovut lil dipartimenti tal-Gvern jew lill-uffiċċji amministrattivi tiegħu jew lil korpi magħquda stabbiliti bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u/jew dritt għal xi liċenzja jew dritt jew taxxa oħra dovuti. B'din il-proċedura jitnaqqsu l-ispejjeż kif ukoll id-dewmien marbutin ma' proċeduri ġudizzjarji ordinarji fil-kontenzjuż għall-otteniment ta' titolu eżekuttiv. Għaldaqstant, ma jista' jkun hemm ebda dubju li bħala proċedura speċjali, din għandha tingħata tifsira u applikazzjoni ristretta.

Applikat dan għall-każ in diżamina, għandu jingħad illi minkejja li mhux kontestat li r-rikorrent ikkonsenja ittra lis-soċjeta' intimata b'kontestazzjoni tal-ammont pretiż fuq il-kont tas-servizzi tad-dawl u ilma fil-fond 13, Triq il-Kbira, Attard u ġie ppruvat li din l-ittra effettivament waslet għandha, **ma jirriżultax illi r-rikorrent osserva u issodisfa kif imiss, il-ħtiġiet espressi u kategoriċi tal-liġi biex teskludi l-applikazzjoni mis-soċjeta' intimata tal-proċediment għall-ħlas tal-krediti tal-Gvern maħsub fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12**. Kif ingħad, il-proċedura eċċezzjonali taħt l-imsemmi Artikolu 466 teħtieġ applikazzjoni stretta u ma tistax tiġġebbed biex tapplika f'ċirkostanzi li m'humiex dawk espressament, speċifikatament u kategorikament imsemmija mil-liġi. Billi għalhekk ir-rikorrent ma segwiex ir-rekwiżiti proċedurali maħsuba espressament mil-liġi biex tiġi eskluża l-applikabbilita' tal-proċediment odjern għall-ġbir tad-debitu pretiż, il-Qorti ma tistax tilqa' din il-preġudizzjali tar-rikorrent irrispettivament mill-prova tal-konsenja tal-ittra. Kieku r-rekwiżit tal-att ġudizzjarju jew l-ittra reġistrata, kien maħsub unikament biex jassigura

li l-intimata tkun mgħarrfa bil-kontestazzjoni tal-ammont pretiż minnha, dan kien jingħad espressament fid-dispożizzjoni legali in diżamina iżda billi l-liġi hi siekta fir-rigward, il-Qorti m'hijiex sejra tagħmel assunzjonijiet li m'għandhomx bażi fil-liġi anke għaliex il-liġijiet proċedurali huma applikabbli *ad unguem*.

Ikkunsidrat;

Illi huwa minnu illi għalkemm is-soċjeta' intimata baqgħet qatt ma wieġbet għat-talba tar-rikorrent li saret permezz tal-ittra tiegħu tat-18 ta' Settembru 2017, il-Qorti ma tistax taqbel mal-allegazzjoni tar-rikorrent, fit-tielet paragrafu tar-Rikors, li huwa ġie preġudikat, wisq inqas preġudikat "*serjament*" bil-fatt li tmexxiet fil-konfront tiegħu il-proċediment odjern. Ir-rikorrent isostni li huwa m'ngħata ebda informazzjoni dwar il-bażi tal-pretensjoni tas-soċjeta' intimata fil-konfront tiegħu u dan bi ksur tal-prinċipju tad-dritt tal-ġustizzja naturali audi alteram partem fost drittijiet fondamentali oħrajn.

Stabbilit illi s-soċjeta' intimata f'dawn il-proċeduri kellha jedd rikonoxxut u stabbilit fil-liġi li tmexxi l-proċediment fil-konfront tar-rikorrent, ma tistax titqies li mxiet b'mod li ppreġudikat xi drittijiet tar-rikorrent. Huwa minnu, kif ġia' stabbilit, li t-talba tar-rikorrent għal reviżjoni tal-kont u l-kontestazzjoni tiegħu tal-kalkolu tal-konsum, qatt ma ġiet imwieġba u li ħadd ma għamel kuntatt miegħu da parti tas-soċjeta' konvenuta biex jiġi diskuss u esplorat l-aggravju tiegħu, iżda dan ma jfissirx li b'daqshekk ġew leżi l-jeddijiet fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Fil-waqt li s-soċjeta' intimata nqdiet b'dan il-proċediment biex tikseb kanonizzazzjoni tal-kreditu pretiż tagħha, huwa ovvju li **l-proċedura mogħtija lir-rikorrent bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolou 466 tal-Kap. 12 biex jopponi għat-talba għall-ħlas tad-dejn pretiż, hi maħsuba sewwasew biex isir stħarriġ tal-pretensjoni u dan abbażi ta' evalwazzjoni tal-informazzjoni kollha li r-rikorrent innifsu jista' talvolta jeħtieġ li tiġi prodotta fil-kors tal-proċediment imniedi fuq talba tiegħu**. Fil-fatt, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fuq talba tar-rikorrent, is-soċjeta' intimata produċiet id-dokumenti kollha mitluba minnu biex jiġu stabbiliti r-raġunijet li wasslu

biex jintalab il-ħlas tal-ammont pretiż fl-ittra uffiċjali bin-numru 712/2021, kontestat f'dan il-proċediment.

Għandu jingħad ukoll illi f'kull każ, il-fatt li r-rikorrent ma ngħatax xi informazzjoni fi stadju anterjuri għall-proċediment odjern minnu istitwit, mhux b'xi nuqqas tas-soċjeta' intimata, għajr għall-fatt li ma weġbitx għall-ittra tiegħu tat-18 ta' Settembru 2017 (fejn madankollu ma talab ebda informazzjoni speċifika), iżda b'riżultat tal-fatt li l-liġi fl-Artikolu 466(1) tal-Kap. 12 tesiġi biss, għall-validita' tal-proċediment għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern, dikjarazzjoni ġuramentata li fiha jiġi dikjarat xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jiġi konfermat dak id-debitu jkun dovut, liema dikjarazzjoni tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju.

Ikkunsidrat;

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet appena magħmula jwasslu lill-Qorti biex tikkunsidra l-preġudizzjali tal-irritwalita' tal-proċediment sollevata mill-abbli avukat tar-rikorrent waqt it-trattazzjoni minħabba l-kunflitt riskontrat bejn id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-att ġudizzjarju notifikat lir-rikorrent. Ġie sottomess illi d-dikjarazzjoni ġuramentata m'hijiex siewja biex tirradika titolu eżekuttiv dwar il-kreditu pretiż mis-soċjeta' ARMS Limited għaliex filwaqt li Reuben Bonnici fid-dikjarazzjoni minnu maħluf, ikkonferma li l-ammont ta' €12,524.42 hu dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters u kull ammont ieħor "*relatat mal-kontijiet tas-servizzi utli bin-numru 411000061133 ossia dwar il-fond bl-indirizz 141, Żiffa, Triq il-Uqija, Swieqi*", l-ittra ġudizzjarja li bis-saħħa tagħha r-rikorrenti ġie notifikat bl-imsemmija dikjarazzjoni ġuramentata, interpellat lill-istess rikorrent biex iħallas l-istess ammont, rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku u kull ħlas ieħor dovut "*relatat mal-kontijiet tas-servizzi utli bin-numru 411000061133 ossia dwar il-fond bl-indirizz 13, Triq il-Kbira, Attard.*"

Dan ifisser illi l-interpellazzjoni li saret lir-rikorrenti permezz tal-att ġudizzjarju li permezz tiegħu ġie notifikat bid-dikjarazzjoni ġuramentata, m'hijiex dwar l-istess

kreditu li fl-istess dikjarazzjoni ġuramentata ġie konfermat li huwa dovut. Effettivament, id-dikjarazzjoni ġudizzjarja annessa mal-ittra uffiċjali bin-numru 712/2021 mertu ta' dan il-proċediment, tikkonċerna xorta ta' kreditu differenti minn dak li r-rikorrent ġie interpellat iħallas għaliex l-ammmont pretiż in kwantu għal konsum u spejjeż oħrajn konnessi mal-provvista ta' dawl u ilma, ġie konfermat li huwa dovut għall-provvista ta' dawl u ilma fi fond kompletament differenti minn dak imsemmi fl-att ġudizzjarju.

Wieħed irid iżomm ferm il-fatt illi biex tikseb l-effetti ta' ġudikat, id-dikjarazzjoni maħlufa msemmija fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 trid tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju. Iżda dan l-att ġudizzjarju, fil-fehma tal-Qorti, trid tkun fiha talba għall-ħlas tal-istess debitu li ġie konfermat fid-dikjarazzjoni maħlufa, li huwa dovut mid-debitur. Fil-każ in diżamina, kif rajna, id-debitu mfisser fl-att ġudizzjarju li bih id-debitur ġie notifikat bid-dikjarazzjoni maħlufa dwar id-debitu li huwa maħsub li jiġi kanonizzat bil-proċediment taħt l-Artikolu 466 tal-Kap. 12, ma jistax jitqies li huwa l-istess li ġie konfermat bil-ġurament li huwa dovut mir-rikorrenti.

Għalhekk, l-att ġudizzjarju ma jistax jitqies li jiswa biex jinnotifika lir-rikorrent bit-talba għall-ħlas tad-debitu li ġie konfermat bħala dovut fid-dikjarazzjoni ġuramentat, liema debitu huwa maħsub li jiġi kanonizzat permezz tal-proċediment odjern. Il-korollarju ta' dan hu, neċessarjament, illi t-talba għall-ħlas li saret permezz tal-att ġudizzjarju bin-numru 712/2021, billi m'hijiex talba għall-ħlas tad-debitu konfermat bħala dovut minn Reuben Bonniċi fid-dikjarazzjoni maħlufa annessa mal-istess talba, m'hijiex idonea biex tagħti lid-dikjarazzjoni ġuramentata effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti u konsegwentement, hija wkoll infondata.

**Għaldaqstant, qiegħda tilqa' t-talba ta' Sean Xuereb fir-Rikors tiegħu tat-23 ta' April 2021 u tiddikjara li t-talba tas-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited fl-ittra uffiċjali bin-numru 712/2021 hija infondata.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mis-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**